# Minuti

## Seduta Nru. 18/2011

Data: Il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

- Is-Sur Mario Xuereb kien skużat;
- Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kif ukoll tal-Imsida.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat;
6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
7. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 18/2011

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 18/2011**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 17/2011 li saret nhar it-18 ta’ Novembru 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet fil-Minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 4.1 –** Iċ-*Chairperson* staqsiet jekk il-MEPA irrispondux fuq l-informazzjoni tal-propjetarji fejn hemm is-siti perikolużi iżda l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrisponda li ma kellu ebda risposta u issa ser jibgħat l-informazzjoni lill-Assożjazzjoni tal-Kunsill Lokali forsi jkunu jistgħu jintervjenu huma.

Siti Perikolużi.

**3.2** **Fuq punt 4.2 –** Iċ-*Chairperson* qalet li baqa’ ma sar xejn u r-rotta għal Belt baqgħet ma saritx. Il-Kumitat iddeċieda li ssir petizzjoni sabiex il-Kumitat jara x’appoġġ għandu mir-residenti biex ikompli jinsisti għall-din ir-rotta. Il-Membri tal-Kumitat ser iduru bieb bieb u jiġbru l-firem tar-resident kollha ġewwa s-Swatar.

Rotot tal-Arriva fis-Swatar

**3.3** **Fuq punt 4.3 –** Il-Kumitat iddeċieda li ġaladarba it-TM approva li l-*isleeping policeman* titwaħħal, għandu jintalab parir minngħand il-Perit tal-Kunsill fejn għandha titwaħħal. Il-Kumitat għandu jimxi skont il-parir li jingħatalu.

*Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima

**3.4** **Fuq punt 4.4 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv aġġorna lill-Kumitat fuq ix-xogħlijiet li qed isiru fil-playground fejn ix-xogħlijiet qed jimxu b’ritmu tajjeb.

*Xogħlijiet fi Triq Il-Balliju ta’ Guttenberg, Playing Area, Msida*

**3.5** **Fuq punt 4.5.1 –** Is-Sinjura Yvonne Spiteri ssuġġeriet li l-fuljett l-aħjar li joħroġ għal-ħabta ta’ Jannar tas-sena d-dieħla sabiex ir-residenti jkunu nfurmati wkoll bl-iżviluppi tal-proġett tal-bandli. Il-Kumitat qabel unanimament.

It-Tieni ħarġa tal-Fuljett tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.

**3.6** **Fuq punt 6.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li l-Profs Sultana ser iħalli f’idejn il-Kumitat fuq l-organiżazzjoni tal-korsijiet tal-BLS. Il-Kumitat iddeċieda kif ġej:

Kampanja BLS

1) Is-Sur Rudolph Cini ser jiġbor l-informazzjoni kollha neċessarja fuq il-BLS sabiex jidhru fil-*Brochure* fejn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jagħmel l-artwork tal-*Brochure* u jippreżentah lill-Kumitat għall-approvazzjoni.
2) Il-*Brochure* jitqassam lir-residenti kollha flimkien ma applikazzjoni sabiex il-Kumitat jara x’interess hemm minn naħa tar-residenti tas-Swatar.
3) Skont il-*feedback*, issir il-Press Conference fejn jiġi llonċjat il-kors.

**3.7** **Fuq punt 7 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-istima minngħand il-Firetech għas-sistema ta’ parkeġġ tal-Knisja kkontrollata bil-cards tammonta għall-€1,567.45. Ġaladarba l-stima m’hix kbira, il-Kumitat iddeċieda li ssir talba għall-permess lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kumitat ikun jista’ jagħmel dan il-proġett permezz ta’ PPP.

Problema ta’ Parking

**3.8** *Għall-ħabta tas-6:45pm is-Sur Rudolph Cini kellu jitlaq mill-laqgħa minħabba mpenji oħra. Il-laqgħa tkompliet għax kien hemm kworum.*

**3.9** **Fuq punt 4.5 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qassam mappa tas-Swatar lill-Membri tal-Kumitat fejn hemm il-proposti kollha tat-traffic management. Il-proposti ġew emedati u diskussi u fl-aħħar ġew approvati mill-Kumitat. Traffic Management

## 4. Korrispondenza

**4.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza minngħand is-Sinjura Maria Theresa, Appoġġ, fejn qed titlob li minflok fit-taf tat-Triq, ir-reserved parking tas-Swatar Resource Centre jimxi għall-quddiem ir-Resource Centre kif ukoll issir rampa biex ikun hemm iktar faċilita' għall-Persuni b'Diżabilita'. Il-Kumitat qabel unanimament. Reserved Parking quddiem ir-Resource Centre.

## 5. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat

**5.1** Is-Sur Jimmy Zahra reġa ressaq it-talba ta' resident li għandu garaxx (fil-kantuniera ta' Triq il-Qampiena li ddur ma Triq Graffiti Navali) fejn għalkemm saret mera xorta għadu qed isibha problema biex joħroġ mill-garaxx għax minn mindu Triq Graffiti Navali saret *one way*, il-karozzi qed iduru bi *speed* eċċessiv. Is-Sur Jimmy Zahra qed jipproponi li ssir *sleeping policeman.* Il-Kumitat qabel unanimament. Sleeping Policeman fi Triq Graffitit Navali

## 6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**6.1** Iċ-*Chairperson* qalet li l-Kumitat għandu jkun jaf kemm għandu fondi mhux marbuta ma xi kuntratti sabiex ikun jista' jutilizzahom fuq xi proġetti oħra. Rigward attivitajiet, Fr Gordon ser jorganizza ġurnata għall-ambjent u tajjeb li l-Kumitat jipparteċipa. Il-Kumitat għandu wkoll jorganizza attivita' li tkun viċin il-festa fejn tiġi mażgħula persuna u tingħatalu 'Ġieħ is-Swatar'.

## 7. Għeluq u Aġġornament.

**7.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7:45pm. Il-Kumitat unanimaent qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa 13 ta' Jannar 2012, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Msida.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

**Annex B**

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| 3.2 | Rotot tal-Arriva fis-Swatar | Aġent Segretarju Eżekuttiv<br>Membri KAS |
| 3.1 | Siti Perikolużi. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.3 | *Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.5 | It-Tieni ħarġa tal-Fuljett tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.6 | Kampanja BLS | Aġent Segretarju Eżekuttiv<br>Rudolph Cini |
| 3.7 | Problema ta' Parking | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.9 | Traffic Management | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.1 | Reserved Parking quddiem ir-Resource Centre. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 5.1 | Sleeping Policeman fi Triq Graffitit Navali | Aġent Segretarju Eżekuttiv |